**MALTA**

**ĠUDIKATUR**
**Dr. Anna Mallia**

Seduta tat-08 ta' Lulju, 2016.

Talba Numru: 175/2016AM3.

Numru fuq il-Lista: 22.

**Peak Ogilvy & Mather Limited (C-8530)**
**91/7 Big BenTowers,**
**Tower Street,**
**University Heights,**
**Msida.**

**vs**

**Camvel Limited (C- 14765)**
**27/28, Triq Torri Wejter,**
**Birkirkara.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ppreżentata fit-13 ta' Mejju, 2016 li permezz tiegħu s-Soċjeta′ attriċi talbet mingħand is-Socjeta' konvenuta l-ħlas tas-somma ta' erbat elef mitejn u tnejn u ghoxrin ewro u erbgha u sittin centezmu (€4,222.64) ghal servizzi ta' riklamar li s-Socjeta' attrici provdiet lis-Socjeta' konvenuta kif deskritti fil-fattura annessa mal-avviz tat-talba u markata bhala Dok A.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-Socjeta' konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-

terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta` attriċi u l-fatt li s-Socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Ra l-affidavit ta' Edward Ward.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-Socjeta' konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef mitejn u tnejn u ghoxrin ewro u erbgha u sittin centezmu (€4,222.64) u bl-imghax legali kif definit fl-Artikolu 26A tal-Kodici Kummercjali (Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta) u dekorribbli skont l-Artikolu 26C(3)(a) tal-istess Kodici Kummercjali u cioe 'effett minn tletin gurnata wara d-data meta s-Socjeta' konvenuta hallset pagament akkont fit-22 ta' Marzu, 2012 sal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali numru 3420/2011, huma a karigu tas-Socjeta' konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**